MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 85/2012

Alison **WOOD**

**Vs**

**Express Freights Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-3 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elfejn seba' mija disgha u tletin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€2,739.34c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-attrici qeghda titlob is-somma ta' €2,739.34c rappreżentanti l-valur tad-danni sofferti minnha meta s-socjeta konvenuta naqset milli tikkonsenja l-oggetti mobbli kollha li kienet inkarigata taghmel u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors ta' dina l-kawza.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax legali b'effett mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fl-1 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi d-dritt tal-attrici sabiex tfittex lis-socjeta esponenti ddekada skont il-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet;

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-allegati nuqqasijiet u danni jridu jiġu ppruvati mill-attrici;

3. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, jekk jirrizulta li kien hemm nuqqasijiet fil-konsenja tal-merkanzija, is-socjeta ntimata ma ghandhiex x'tahti ghal dawn in-nuqqasijiet u, semmai, hija s-socjeta estera EUF Group Limited li hija responsabbli ghal tali nuqqasijiet u ghaldaqstant din is-socjeta estera ghandha tiġi msejha fil-kawza;

4. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz ir-responsabbilta tas-socjeta ntimata hija limitata ai termini tal-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra s-sentenza preliminari tieghu tal-15 ta' Lulju, 2013;

Ra l-verbal tat-8 Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' elfejn seba' mija disgha u tletin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€2,739.34c], liema ammont jirrappreżenta l-valur tad-danni sofferti minnha meta s-socjeta intimata naqset milli tikkonsenja l-oggetti mobbli kollha li kienet inkarigata taghmel. Is-socjeta intimata qalet li r-rikorrenti ddekadiet mid-dritt li tfittex lis-socjeta intimata. Din l-eccezzjoni diġà ġiet deċiża permezz tas-sentenza preliminari datata 15 ta' Lulju, 2013. Fit-tieni eċċezzjoni taghha, s-socjeta intimata qalet li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-allegati danni jehtiegu li jiġu ppruvati minnha. Fit-tielet lok talbet il-kjamata fil-kawza tas-socjeta estera EUF Group Limited u dan peress li jekk kien hemm xi nuqqasijiet, dawn huwa attribwibbli lill-imsemmija soċjetà estera u mhux lilha u finalment qalet li r-responsabbilita taghha hija limitata ai termini tal-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet.

Ikkunsidra;

2. Permezz ta' sentenza preliminari, it-Tribunal cahad l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta intimata. Jmiss issa li jiġu deċiżi l-eccezzjonijiet l-ohra.

3. Ir-rikorrenti kienet talbet stima minghand is-socjeta intimata sabiex hija ġġib xi oġġetti minn ġewwa r-Renju Unit. Wara li l-istima ġiet aċċettata mir-rikorrenti, s-socjeta intimata ibbukkjat ix-xoghol mal-agenti taghha ġewwa r-Renju Unit. Meta Steve Amaira gie mistoqsi jekk huwa kienx intalab jaghmel assigurazzjoni ghar-rigward tal-konsenja ta' l-oggetti proprjetà tar-rikorrenti u li huwa ma kienx ghamel din l-istess assigurazzjoni, huwa qal li *"... jista jkun iva"* (fol. 39)[1].

[1] A fol. 47 hemm thread ta' emails li wahda minnhom tghid hekk: "*Would like to do insurance for the goods and value is of 6000 sterling. Could you please forwardme the amount of the insurance that i have to pay and also the new quote on the abovemeasurements via container*"

Bhala units, r-rikorrenti stqarret li "*... jiena kelli n-numru ta' 129 dan in-numru huwa msemmi fid-dokument AW3*" (fol. 62). Ghandha, tkompli tghid ir-rikorrenti, waslu "*... mija u wiehed u ghoxrin unit u b'hekk hemm tmien units neqsin*" (fol. 62). L-istess rikorrenti stqarret li "*jiena qatt ma ghamilt distinzjoni bejn trailer u container jiena mmur ghand is-socjeta konvenuta u nhalli f'idejhom kif igibuli l-affarijiet hawn Malta*" (fol. 70). Ir-rikorrenti ghaddiet biex tispjega x'kellha nieqes, u cioe saqajn tal-mejda, parasol, erba' (4) armchairs, texas sun lounger set u u tlett personal bags li kien fihom tlett *items* ohra. Go dawn il-basktijiet hija tghid li kellha l-affarijiet u allura meta ttiehdu, naqsu dawn ukoll. Hija esebiet lista bl-oggetti li kienu jinsabu fl-ismijiet basktijiet liema lista kienet saret minnha waqt li kienet ġewwa r-Renju Unit qabel ma intbaghtu l-oggetti hawn Malta. Ir-rikorrenti skopriet li kien hemm dawn l-oggetti neqsin wara li kienu hattew il-merkanzija minn fuq it-*truck* u wara li l-istess haddiema kienu telqghu mill-post tar-residenza taghha. Tghid però li sakemm kienu l-haddiema hemm hija kienet ilmentat minn xi hsarat li kien hemm fuq xi ftit minn din il-merkanzija. Id-dok. AWZ4 fih elenku ta' l-oggetti neqsin u l-valur taghhom.

4. Kenny Roberts, *bond operator*, mas-socjeta intimata qal li xogholu mas-socjeta intimata huwa li jivverifika x-xoghol illi jkun hemm mghobbi got-*trailer*. Zied ighid li huwa jiġi pprovdut b'dokument mill-ufficju ghal kull trailer illi jkun hemm, liema dokument ikun fih il-kwantita tax-xoghol li jkun hemm fit-*trailer* u l-isem tal-klijent in kwistjoni. Huwa jara li l-*container* ikun hemm mieghu s-sigilli u li jkunu ghadhom intatti. Imbaghad jara li l-affarijiet li jkunu qeghdin jinhattu mill-*container* b'mod galbat. Wara jaghmel rikonċiljazzjoni bejn l-oggetti li jkun hemm f'dan il-*container* mad-dokument li huwa jkun inghata mill-kumpanija intimata. Ix-xhud qal li "*wara li jkun inhatt ix-xoghol kollu jiena ovvjament inkun f'posizzjoni nghid jekk kienx hemm xi hsarat jew nuqqasijiet fil-merkanzija*" (fol. 115). Meta imbaghad ix-xoghol jitghabba fit-*truck* huwa jkun preżenti u wara l-istess *truck* jibqa sejjer ghand il-klijenta. Qal li ma rrizultawlux nuqqasijiet f'dan il-*container* salv ghal xi xkejjer imqattghin, liema xkejjer kienu jsejhu lil Consolidated Biscuits u mhux lir-rikorrenti. Waqt li "*... kienu fuq it-trakk sejrin fid-direzzjoni tar-residenza tar-rikorrenti kien hemm mija u disgha u ghoxrin (129) unit*" (fol. 117). Mistoqsi jekk dan it-*truck* setax mar ghand xi klijenti ohra, x-xhud qal li ma jiftakarx.

5. Raymond Abela, xufier mas-socjeta intimata qal li huwa kien ha xi xoghol fir-residenza taghha. Qal li kien ghabba dan ix-xoghol minn ġewwa l-*group storage* tas-socjeta intimata ġewwa Hal-Far. Mieghu kien hemm żewġ helpers. Peress li kien hemm xi xoghol li ried jitla t-tarag, huwa ċempel lis-socjeta intimata sabiex tibghatlu żewġ haddiema ohra u hekk gara. Huwa qal ukoll li kien preżenti meta infethu żewġ kaxxi u ikkonstata li kien hemm xi hsarat fuq sufan u fuq xi siġġijiet. Zied ighid li r-rikorrenti kienet iffirmat dokument li hija kienet irċeviet il-merkanzija kollha. Qal li *"jiena sirt naf li kien hemm xi problemi fuq din il-konsenja l-ghada filghodu. Lili r-rikorrenti sakemm ġejt biex nitlaq jiena minn ghandha ma kienet semmietli xejn li kien hemm xi affarijiet neqsin"* (fol. 119). In kontro-ezami qal li huwa jaqbel mal-fatt li r-rikorrenti ma kienitx fethet il-kaxxi kollha però qablet li kien hemm 129 unit meta hija ffirmat d-dokument li kien taghha qabel ma telaq minghandha.

6. Steve Amaira, qal li huwa kien ivverifika ma l-agent barra minn Malta li l-merkanzija kollha kienet intbaghtet lejn Malta. Zied ighid li *"jiena vverifikajt imbaghad mal-warehouse biex nara jekk kienx hemm xi affarijiet neqsin u skont ma jirrizulta mit-tally report ma jidhirx illi kien hemm xi affarijiet neqsin"* (fol. 121). B'referenza ghal dak li xehdet ir-rikorrenti dwar ic-CCTV footage li hija ġiet murija mis-socjeta intimata, x-xhud qal li *"... r-rikorrenti kienet ukoll ġiet murija CCTV footage tal-akwata fejn kien hemm l-oggetti u dan peress li jiena kont ukoll fil-kamra maghha flimkien ma diversi nies naraw dan l-istess CCTV footage"* (fol. 121). Mistoqsi jekk ir-rikorrenti kienitx qalet xi diskors waqt li kienet qeghda tara dan ic-CCTV footage, huwa qal li ma jiftakarx.

7. Antoine Vella, direttur tas-socjeta intimata qal li minn indaġni li ghamlet is-socjeta intimata, hija kienet waslet ghal konklużjoni li dak kollu li kien hemm indirizzat ghar-rikorrenti mir-Renju Unit gie hawn Malta u wasa ghandhom. In kontro-ezami qal li huwa ma jiftakarx li r-rikorrenti kienet qaltlu li hi kienet rat l-affarijiet fis-CCTV però ftakar li hija kienet qaltlu li kellha xi affarijiet li ma kienux gew. Qal li huwa kien ra l-baggalji fuq pellet fuq xulxin però ma ftakarx jekk kienux *flourescent* jew le.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jemminx id-deposizzjoni tar-rikorrenti. Fuq bilanċ ta’ probabbilta, huwa konvint li r-rikorrenti ma setatx tghid lix-xufier inkarigat mis-socjeta intimata li l-oggetti li kienet irċeviet kienu l-oggetti kollha li hija kienet xtrat u akkwistat mir-Renju Unit. It-Tribunal huwa konvint li mir-Renju Unit, l-oggetti li xtrat ir-rikorrenti kienu ntbaghtu kollha lejn Malta u li dawn waslu ġewwa l-imhazen tas-socjeta intimata. Skond ma xehed Kenny Roberts huwa ra li s-sigilli kienu ghadhom intatti u li meta nfetah il-*container*, kien hemm l-istess numru ta’ oġġetti li kien hemm meta dan il-*container* telaq mir-Renju Unit. Jirrizulta ukoll li d-direttur tas-socjeta intimata kien qal li meta kien ra c-CCTV footage flimkien mar-rikorrenti u xi nies ohra, huwa kien ftakar li kien hemm xi tlett bagalji fuq pellet fuq xulxin però ma setax jiftakar jekk kienux flourescent jew le. Dawn it-tlett bagalji irriżultaw li kienu neqsin meta l-kumplament tal-merkanzija waslet ghand ir-rikorrenti. Jirrizulta li x’imkien bejn meta dawn l-oggetti waslu ghand is-socjeta intimata fl-imhazen taghha u l-mument li dawn l-istess oġġetti waslu ghand ir-rikorrenti kien hemm xi oġġetti li ma waslux ghandha. Ghal dan in-nuqqas ghandha tahti s-socjeta intimata l-ghaliex in-nuqqas sehh waqt li dawn l-oggetti kienu taht il-kustodja taghha. Ma huwiex il-kaz ghalhekk li s-socjeta estera EUF Group Limited tiġi msejha fil-kawza l-ghaliex hija ma ghandha x’taqsam xejn ma dan in-nuqqas.

9. Illi ghar-rigward ta’ l-oggetti li r-rikorrenti tghid li kienu neqsin, it-Tribunal ma jsib xejn x’jiccensura ghar-rigward ta’ l-ammont reklamat minnha. L-i*Standard Trading Terms and Conditions* tas-socjeta intimata esebiti a fol. 14 et seq tal-processjghidu fil-klawsola numru 29 li “... *the Company’s liability howsoever arising and notwithstanding that the cause of loss or damage be unexplained shall not exceed: (a) the value of any goods lost or damaged, or ...*” (fol. 29). Dak li ghamlet ir-rikorrenti f’dawn il-proceduri. Talbet li tithallas il-valur ta’ l-oggetti li ma waslux ghandha. Dawn il-valuri gew indikati minnha u ma jirriżultax li gew ikkontestati mis-socjeta intimata. Ghalhekk, it-Tribunal qieghed jiehu dawn il-valuri bhala l-valuri li r-rikorrenti hallset meta hija xtrat u akkwistat dawn l-istess oġġetti. Dan l-ammont huwa ta’ €2,739.34c.

10. Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet imqanqal mis-socjeta intimata fir-risposta taghha in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir- rikorrenti s-somma ta' elfejn seba' mija disgha u tletin euro u erbgha u tletin ċenteżmi ta' euro [€2,739.34c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------